MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 271/2004

**Avviz numru 271/04 DM**

**Lawrence ID Nru. 74355 (M) u Maria Koncetta ID Nru. 439861 (M) konjugi Grima**

**Vs**

**Concetta Charles ID Nru. 811758 (M) u Av Dr Chris Cilia LL.D. nominat b'digriet tas-17 ta' Gunju, 2004, kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Dennis Charles**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) rapprezentanti s-somma li l-istess atturi hallsu

lill-konvenuta Concetta Charles sabiex tipprovdilhom tifla ghall-adozzjoni mill-Pakistan skond kondizzjonijiet rizultanti mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fid-19 ta' Lulju, 2002, (Dok A) liema tifla baqghet ma waslitx u lanqas ma giet restitwita s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) , minkejja diversi nterpellanzi (Dok B).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunt ghas-subjizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dr. Chris Cilia LL.D. nomine fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, jirrizulta mill-istess dokument ipprezentat mill-attur flimkien mal-avviz promoter, u cioe' l-iskrittura tad-19 ta' Gunju, 2002, illi r-relazzjoni kuntrattwali illi giet stabbilita permezz ta' l-imsemmi ftehim hija bejn l-atturi u l-konvenuta l-ohra Concetta Charles, u ghalhekk l-assenti Dennis Charles mhuwiex il-legittimu kontraditur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju anke peress illi t-transazzjoni kuntratta mill-imsemmija konvenuta Concetta Charles tikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni ordinarju illi jista' jsir minn parti wahda fis-zwieg minghajr il-htiega ta' l-assistenza u l-kunsens tal-parti l-ohra fiz-zwieg.
2. Preliminarjament ukoll, in-nullita' u l-irritwalita' tat-talbiet attrici stante illi l-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni ta' flus minnhom imhallsa fi tranzazzjoni illi hija llegali u li tmur kontra l-ordni pubbliku.
3. Fil-mertu, l-eccipjent mhux edott mill-fatti tal-kaz odjern u jirriserva d-dritt illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri fil-mertu wara li jkun ghamel id-debiti accertamenti (f'dar-rigward qed tigi esebita kopja ta' ittra datata 24 ta' April, 2004, mibghuta lill-atturi –Dok 'A').
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' l-attur ipprezentata fid-9 ta' Frar, 2005;

Semghet lill-attur in kontestazzjoni bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenuta Concetta Charles baqghet kontumaci u ma kkontestatx it-talba attrici, il-Qorti trid xorta wahda fl-ewwel lok tezamina t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-kuratur deputat Dr. Chris Cilia billi din tirrigwarda n-nullita’ u rritwalita’ tat-talba attrici stante li qed jitolbu r-rifuzjoni ta’ flus minnhom imhallsa fit-transazzjoni illi hija llegali u tmur kontra l-ordni pubbliku.

Ghalkemm l-istess konvenut ma mplifikax ir-ragunijiet li fuqhom huwa qed jibbaza l-allegazzjoni ta’ illegalita’ tal-kuntratt illi ghamlu l-atturi mal-konvenuta Concetta Charles, minn ezami tal-kuntratt esebit tad-19 ta’ Gunju, 2002, li jirrigwarda pagament tas-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) akkont ta’ somma akbar biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kollha necessarji sabiex tkun tista’ tigi adottata tarbija u kollox skond il-ligijiet kemm tal-pajjiz tat-twelid taghha u anke sabiex l-adozzjoni ssir ukoll skond il-ligijiet ta’ Malta, ma jirrizulta xejn illi jista’ jindika xi kawza llegali jew irritwalita’ tat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tirrespingi din it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenut Dr. Chris Cilia nomine.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni ta’ l-istess konvenut issib illi effettivament il-kuntratt li dahlet ghalih il-konvenuta Concetta Charles kien kuntratt illi l-istess konvenuta kienet dahlet ghalih minghajr l-adezjoni, l-intervent jew il-kunsens ta’ zewggha l-konvenut Dennis Charles kif konferma l-attur Lawrence Grima in kontro ezami tieghu.

Inoltre il-ftehim u l-obbligazzjoni illi dahlet ghaliha l-konvenuta Concetta Charles kienet wahda illi setghet taghmela wahidha minghajr l-intervent ta’ zewggha u minghajr ma tista’ timplika ukoll il-komunjoni ta’ l-akkwisti li tista’ tezisti bejna u bejn zewggha.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenut Dr. Chris Cilia nomine u tiddikjara

illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenut l-assenti Dennis Charles li ghalhekk mhuwiex il-legittimu kontradittur, u l-Qorti qieghda konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta ampjament illi l-atturi effettivament kienu hallsu somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) lill-konvenuta Concetta Charles sabiex din tesegwixxi dak li assumiet fil-kuntratt esebit fid-19 ta' Gunju, 2002.

Billi mill-provi jirrizulta wkoll illi l-istess konvenuta ma qdiet ebda wiehed mill-inkarigi illi hija assumiet, l-atturi ghandhom dritt ghar-rifuzjoni tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) li kienu hallsu fuq l-istess kuntratt u stante illi l-istess konvenuta debitament notifikata ma kkontestatx it-talba attrici u lanqas ma deheret fis-seduta tal-lum sabiex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma fil-konfront biss tal-konvenuta Concetta Charles.

Ghaldaqstant qieghda tilqa' it-talba attrici fil-konfront ta' l-istess konvenuta Concetta Charles, tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Concetta Charles.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------